



Dokument ta' sessjoni

A9-0198/2022

28.6.2022

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regulatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral
(COM(2022)0051 – C9-0046/2022 – 2022/0035(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Isabel Carvalhais

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	8
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	9

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jstabilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (COM(2022)0051 – C9-0046/2022 – 2022/0035(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0051),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0046/2022),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0198/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

(1) Kontenut tal-proposta

Fis-16 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2019/833, li ttraspona fid-dritt tal-UE l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar (CEM) adottati mill-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (in-NAFO), li l-Unjoni Ewropea ilha parti kontraenti tagħha sa mill-1979. L-għan ewlieni ta' din il-proposta huwa li tittrasponi fid-dritt tal-Unjoni l-emendi fil-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li n-NAFO adottat waqt il-laqgħa annwali tagħha fl-2021. Il-proposta tinkludi wkoll it-titjib editorjali tan-NAFO u tadatta d-diċitura għall-kuntest legali tal-UE.

In-NAFO hija l-organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd li hija responsabbli għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral. Il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tan-NAFO japplikaw esklussivament għaż-Żona Regolatorja tal-Baħar Miftuħ tan-NAFO. Skont it-termini tal-Konvenzjoni NAFO, il-Kummissjoni tagħha, korp kostitwenti li tiegħu huma membri l-partijiet kontraenti kollha, hija responsabbli għall-adozzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar.

Din tiddikjara wkoll li l-miżuri ta' konservazzjoni li l-Kummissjoni tadotta huma vinkolanti u l-partijiet kontraenti huma obbligati jimplimentawhom. Il-miżuri ġodda jiġu adottati mill-Kummissjoni tan-NAFO waqt il-laqgħat annwali tagħha fil-forma ta' deċiżjonijiet, li dwarhom il-Partijiet Kontraenti jiġu sussegwentement notifikati mis-Segretarju Eżekuttiv. L-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-UE trid tirrispetta strettament id-dritt internazzjonali. Dan jinkludi l-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO.

Din il-proposta tittrasponi l-miżuri adottati min-NAFO fl-2021 li daħlu fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru tal-istess sena u li baqgħu applikabbli minn dakinhar.

(2) Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-rapporteur tilqa' din l-emenda proposta għar-regolament, li taġġorna d-dritt tal-UE permezz tat-traspożizzjoni tal-miżuri l-ġodda ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO.

Hija tfakkar li, għalkemm l-għadd ta' bastimenti tal-UE awtorizzati biex jistadu fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO tnaqqas, inqas minn 50 bastiment, il-volumi tal-qabdiet madankollu huma sinifikanti meta jitqies id-daqs tal-flotta. Skont is-sit web tan-NAFO, kien hemm bastimenti minn ħames Stati Membri li kienu qed jirreġistraw attivitajiet f'dik iż-żona fl-2020, u l-qabda totali tal-UE kienet ta' 49 089 tunnellata. Il-Portugall u Spanja jirrappreżentaw 85 % tal-qabdiet totali tal-UE, jiġifieri 47 % (22 932 tunnellata) u 38 % (18 768 tunnellata) rispettivament.

Ir-rapporteur tevidenzja li huwa essenzjali li tiġi żgurata l-konformità mal-aħjar miżuri ta' konservazzjoni għas-sajd f'dawn l-ilmijiet, minħabba s-sensittività partikolari ta' ċerti speċijiet

fil-mira, speċjalment dawk b'ċiklu tal-ħajja twil. Din il-proposta tittrasponi fil-qafas legali tal-Unjoni diversi deċiżjonijiet meħuda fil-laqgħa annwali tan-NAFO ta' Settembru 2021, b'mod partikolari, dwar il-kalkolu tal-kwota "Oħrajn", li jintroduċu miżuri ta' akkumpanjament għall-Bakkaljaw fid-Diviżjoni 3M fir-rigward tal-ispezzjoni tal-ħatt l-art, kif ukoll tal-ħalibatt ta' Greenland. Importanti wkoll hija t-traspożizzjoni ta' dispożizzjonijiet riveduti dwar proċeduri addizzjonali, ksur serju fir-rigward tal-użu ta' daqsijiet tal-malji, tal-għeriebel jew tal-gradilji, u l-miżuri msaħħa relatati mas-segwitu għall-ksur, kif ukoll it-trażmissjoni ta' dokumenti lin-NAFO u lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd.

Għalhekk jeħtieġ li tiġi garantita l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd b'mod ġenerali mill-flotot tas-sajd kollha tal-Unjoni, irrispettivament miż-żona ġeografika operattiva tagħhom, u, fuq kollox, li jiġi minimizzat l-impatt li l-isfruttament tar-riżorsi għandu fuq il-ħabitats, riżorsi oħra u speċijiet oħra. Ir-rapporteur tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni jinvolvu l-użu ta' rkaptu tat-tkarkir, li jista' jikkawża ħsara lil qiegħ il-baħar u għalhekk lill-ħabitats. Għaldaqstant hija tteġġegħ lill-Kummissjoni ssemma' leħinha fil-laqgħat tan-NAFO u, b'mod partikolari, tiżgura li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati min-NAFO jkunu konformi ma' miri ambizzjużi tal-PKS.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral	
Referenzi	COM(2022)0051 – C9-0046/2022 – 2022/0035(COD)	
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	16.2.2022	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 17.2.2022	
Rapporteurs Data tal-ħatra	Isabel Carvalhais 7.4.2022	
Eżami fil-kumitat	28.4.2022	14.6.2022
Data tal-adozzjoni	20.6.2022	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 –: 0 0: 3	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, Maria da Graça Carvalho, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Jan Huitema, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Peter van Dalen	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Colm Markey, Nuno Melo, Elżbieta Rafalska, Lucia Vuolo	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Stéphane Bijoux, Marco Campomenosi, Sara Cerdas, Christophe Grudler, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Alessandra Moretti, Jutta Paulus, Axel Voss	
Data tat-tressiq	28.6.2022	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

22	+
ECR	Elżbieta Rafalska, Bert-Jan Ruissen
PPE	Maria da Graça Carvalho, Peter van Dalen, Colm Markey, Nuno Melo, Francisco José Millán Mon, Axel Voss, Lucia Vuolo
RENEW	Andrus Ansip, Stéphane Bijoux, Christophe Grudler, Jan Huitema
S&D	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, Sara Cerdas, Maria-Manuel Leitão-Marques, Predrag Fred Matic, Alessandra Moretti
VERTS/ALE	Rosa D'Amato, Jutta Paulus, Caroline Roose

0	-

3	0
ID	Marco Campomenosi, Rosanna Conte, Gilles Lebreton

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni